MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 316/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Camilleri talli fit-30 ta’ Marzu 2008 ghall-habta ta’ 01:00 f’Triq il-Ferrovija, Santa Venera:

(1) Gieghel, halla jew ippermetta lil Michael Borg isuq vettura nru. FBN-757 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

(2) B’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Alexander Camilleri jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(b)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Alexander Camilleri hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mija u sbatax-il euro (€117) fuq l-ewwel imputazzjoni u fuq it-tieni imputazzjoni, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu tliet xhur prigunerija, liema piena m’ghandhiex issehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn mid-data tas-sentenza appellata l-istess Alexander Camilleri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija. Inoltre, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ tnax-il xahar mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Alexander Camilleri pprezentat fl-4 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza taghha sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u fejn huwa gie kkundannat ihallas multa ta’ mija u sbatax-il euro (€117) u tirrevokaha in kwantu gie kkundannat ghall-perijodu ta’ tliet xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u in kwantu gie sospiz milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ tnax-il xahar mid-data tas-sentenza appellata u minflok tinfliggi piena li hija aktar idoneja ghac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda s-sentenza sospiza ta’ prigunerija u s-sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan. L-appellant jghid illi l-ksur tal-ligi sar fi sfond fejn huwa talab persuna li ma kellhiex licenzja tas-sewqan issuq il-vettura li kien qieghed isuq hu ghax kellu jwaqqaf hesrem meta hassu ma jiflahx. Inoltre waqqaf fi triq pjuttost dejqa u kien mehtieg li jnehhi l-vettura minn fejn kienet sabiex ma jkunx ta’ periklu ghal haddiehor. Ghalhekk is-sospensjoni tal-licenzji mposta mill-ewwel Qorti, isostni l-appellant, kienet wahda eccessiva. Barra minn hekk, tali sospensjoni ser twassal biex hu u l-familja tieghu jbatu danni kbar billi hu jahdem bhala xufier fuq karozza tal-linja gdida tal-familja li qed tithallas bin-nifs u li jekk ma tintuzax twassal ghal multi amministrattivi. Inoltre, jghid l-appellant, il-perijodu operattiv tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza hija wahda eccessiva meta jittiehdu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt li tali piena tinghata f’kazijiet hafna aktar serji.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

Skond l-affidavit ta’ P.S. 518 A. De Giovanni, fit-30 ta’ Marzu 2008 ghall-habta tas-1.00 a.m. waqqaf vettura Opel bin-numru FBN-757 li kienet qed tinsaq minn certu Michael Borg. Dan qallu li ma kellux licenzja tas-sewqan u li l-vettura kienet ta’ l-appellant li kien fil-vettura mieghu u “ma kienx f’kundizzjoni li jsuq ghax kien taht l-effett ta’ l-

*alcohol*." X'qal Michael Borg lil P.S. 519 De Giovanni jikkostitwixxi *hearsay*, u ma hemm l-ebda prova li effettivament l-appellant kien xurban. Inoltre Michael Borg ma giex prodott bhala xhud. Barra minn hekk meta xehed quddiem din il-Qorti l-appellant cahad li kien xurban u qal li waqt li kien qieghed isuq tah hass hazin u talab lil Michael Borg li kien mieghu biex isuq bicca hu sakemm il-vettura tkun f'post fejn ma tkunx ta' periklu ghal haddiehor imbaghad jitolbu lil missier Michael Borg imur ghalihom. Id-distanza li saq kienet distanza pjuttost qasira, xi mitt metru forsi, imbaghad waqaf. L-appellant cahad li waqfu ghax waqqafhom il-Pulizija. Kienet x'kienet ir-raguni tal-hass hazin, il-fatt jibqa' illi l-appellant kiser il-ligi meta ppermetta lil Michael Borg isuq il-vettura. Pero` l-fatt li dan ghamlu unikament biex jassigura ruhu li l-vettura ma tkunx tikkostitwixxi periklu ghal utenti ohra tat-triq huwa wiehed mill-fatturi li necessarjament irid jittiehed in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-piena.

Issa, l-appell huwa mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti ta' tliet xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u mill-iskwalifika li jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' sena. Skond l-artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena fil-kaz ta' l-ewwel reat hi ta' multa ta' mhux anqas minn €2,329.37 izda mhux izjd minn €4,658.75 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew l-multa u l-prigunerija flimkien. L-artikolu 21 tal-Kap. 9 u l-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx fil-kaz ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Jigifieri meta l-ewwel Qorti nfliggiet piena ta' prigunerija ta' tliet xhur (sospizi ghal sentejn) kienet qed timponi piena fil-massimu taghha, ghal dik li hi prigunerija, ghal min jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Kap.104. Fic-cirkostanzi rizultanti, pero`, u stante l-fedina penali ghal kollox netta ta' l-appellant, din il-Qorti tqis li ghandu jkun hemm tibdil fix-xorta tal-piena. Inoltre, peress illi l-appellant jippossjedi licenzja kemm taht il-kategorija "B" kif ukoll taht il-kategorija "D", fic-cirkostanzi partikolari rizultanti f'dan il-kaz, fid-dawl tal-fedina penali ghal kollox netta tieghu u stante l-*hardship* eccessiv li s-sospensjoni tal-licenzja taht il-kategorija "D" jista' jikkreja mhux biss ghalih izda anke ghall-familja

tieghu, din il-Qorti hi tal-fehma – u dan bl-applikazzjoni tas-subartikolu 2A ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 – illi ghandha tikkonferma s-sospensjoni tal-licenzja tieghu taht il-kategorija "B" izda mhux ukoll dik taht il-kategorija "D".

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u in kwantu skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €2,329.37, tiskwalifikah mil-licenzja tas-sewqan taht il-kategorija "B" u minn kwalunkwe licenzja ohra tas-sewqan salv dik taht il-kategorija "D" ghal perijodu ta' tnax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------